MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru 992/2006

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Brian Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat talli fis-16 ta' Settembru 2006 ghal habta ta' 6.45pm f'Hal Balzan:

1. ikkommetta serq minn residenza private ta' 'decoder' u oggetti ohra, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok sar ghad-dannu ta' Vincent Fenech minn Hal Balzan u/jew persuni ohra;
2. bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' dak ta' serq ikkwalifikat minn residenza private wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt

ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok u valur ghad-dannu ta' Vincent Fenech minn Hal Balzan u/jew persuni ohra;
3. ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fil-bieb ta' barra ta' residenza private, liema hsara li tiskorri l-LM10 izda inqas minn Lm50 saret ghad-dannu ta' Vincent Fenech minn Hal Balzan u/jew persuni ohra;
4. akkuzat ukoll bi ksur tal-probation a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 4 ta' Dicembru 2003 u illiberat bil-kundizzjoni kontemplati fl-istess artikolu, kif ukoll billi sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 8 ta' Mejju 1997 u 3 ta' Lulju 1998, liema sentenzi saru definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat l-ewwel jammetti l-akkuzi sussegwentement jirtira l-ammissjoni;

Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat.

L-akkuzi jipottizaw is-serq, l-attentat ta' serq, u l-hsara volontarja.

Mill-provi l-akkuzi jirrisultaw pruvati minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni.

Dwar is-serq proprju jirrisulta li l-imputat trasporta l-oggetti li huma dawk elenkati fir-rapport tal-espert nominat a folio 64 b'valur totali ta' Lm84.

Dwar l-attentat ta' serq d-derubat xehed li kellu circa Lm900 fi flus u fidda li ma insterqux malgrad it-tqallib li rrisulta sar fil-fond mill-imputat. Il-Qorti f'dan il-kuntest hi

sodisfacjentement konvinta li dawn kienu jinsterqu wkoll u kwindi fil-fehma taghha hemm l-estremi tal-attentat ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 9.

Dwar id-danni volontarji d-derubat xehed li kienu jikkonsistu f'inqas minn Lm10.

Dwar ir-recidiva dina tirrisulta altru li sodisfacjentement.

Kwindi l-akkuzat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 41(1), 284, 285, 261(b)(c)(e), 264, 267, 269, 278(1)(2), 279(a), 49, 50, 17 u 31 tal-Kap 9. Tikkundannah sena prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------